# Rapport dwar attività li saret bejn id-Dipartiment tal-Malti u Heritage Malta

***Tema:* Il-Folklor Malti, l-ilbies tal-irġiel, in-nisa u t-tfal, is-superstizzjonijiet u r-reliġjonijiet, xogħlijiet u snajja' tal-imgħoddi.**

Nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru, 2015, żewġ gruppi ta' studenti mis-seba' sena mill-Iskola Medja tal-Kulleġġ Maria Reġina flimkien mal-għalliema tal-Malti s-Sa. M. Cutajar u s-Sa. M. Muscat Zarb attendew għall-attività edukattiva interessanti ferm fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu. Din l-attività kienet marbuta mal-proġett tal-Malti dwar il-Folklor.



Kif dħalna fil-Palazz, ntlaqajna mill-Kuratur tal-Palazz, is-Sur Kenneth Cassar u l-għalliema peripatetika, is-Sa. Jennifer Bugeja. Il-Kuratur spjegalna x'kien jiġri fil-passat f'dan il-post storiku u s-Sa. Bugeja tatna tagħrif dwar it-tqassim tal-programm.

L-attività bdiet bil-wiri ta' filmat dwar il-pjanti tal-qoton u kif kienu jġiżżu l-mogħoż biex minn dawn il-materji primi, missirijietna kienu jagħmlu ħwejjiġhom. Wara, l-istudenti nqasmu f'żewġ gruppi. Waqt li l-ewwel grupp kien qed ilibbes żewġ manikini b'ilbies tipiku Malti u jqabbel l-ismijiet tal-ħwejjeġ, il-grupp l-ieħor iddaħħal f'maħżen partikolari, li mhuwiex miftuħ għall-pubbliku, fejn l-istudenti ntwerew ilbies tipiku Malti antik, li jinżamm f'temperatura stabbli biex ma jitmermirx. Wara rajna parti mill-esebizzjoni tal-ilbies li hemm fil-palazz.



L-aħħar attività niżlet għasel mal-istudenti. Huma tlibbsu lbies tipiku Malti tal-imgħoddi, u kien hawn li huma daħlu iktar fl-atmosfera tal-epoka. L-istudenti rreċtaw tajjeb ħafna każ ta' inkwiżizzjoni fil-kamra propja fejn kienu jinstemgħu l-akkużi u jinqatgħu s-sentenzi f'dawk iż-żminijiet.











B'din il-ħarġa kulturali l-istudenti tgħallmu u kienu involuti b'mod dirett mat-tema partikolari tal-proġett Malti u żgur se jkunu kunfidenti meta jiġu biex jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom iktar tard matul is-sena skolastika.